# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Ans Ghodban**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Ans Ghodban** detentur tal-permess ta' residenza Maltija numru 152660A fejn ġie mixli talli : -

> Akkuzat talli, nhar it-8 ta' Jannar 2017, ghall-habta tat-tlieta nieqsin ghoxrin ta' filghodu (02:40hrs), fi triq ix-Xatt ta' San Gorg :
> 1. Saq il-vettura ta' ghamla FIAT b'numru ta' registrazzjoni CBX206 minghajr ma' kellu licenzja tas- sewqan;
> 2. Saq il-vettura ta' ghamla FIAT b'numru ta' registrazzjoni CBX206 minghajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni;

Akkuzat ukoll talli, nhar it- 8 ta' Jannar 2017, ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30hrs), fi triq San Gorg, San Giljan,

3. Bi hsieb u b'atti esterni, wera l-hsieb li jisraq Apple I*pad* minn gewwa vettura ta' ghamla Mazda, b'numru ta' registrazzjoni BJZ126, ghad-detriment ta' Billy-Joel Zammit (ID No. 30391M), liema serqa ma gietx esegwita minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, tali serq kieku sehh kien jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37);

4. Ikkommetta serqa ta' kartiera kontenut diversi oggetti ta' valur u flus kontanti li jammontaw ghal sitta u sebghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€76.28c), liema serq huwa aggravat bi vjolenza, hin, u xorta tal-haga misruqa;

5. Hebb ghal Billy-Joel Zammit (ID No. 30391 M) minghajr ma darbu;

6. Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. Galea Sciberras LLD nhar 1-04 ta' Mejju 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat li matul is-seduta tad-9 ta' Jannar 2017 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat li l-Qorti kompliet bis-smiegħ tax-xiehda u baqgħet tirċievi dokumenti u dan skont diversi rinviji mibgħuta mill-Avukat Ġenerali;

Rat li matul is-seduta tal-4 t'Ottubru 2017 l-imputat, debitament assistit mill-Avukat għall-Għajnuna Legali Dottor Francine Abela iddikjara li huwa ħati tal-imputazzjonijiet skont kif kontestati lilu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa magħha, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

## ***DEĊIDE***

li wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 275, 279(a), 280(2) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta fuq l-ammissjoni inkondizjonata tiegħu stess, il-Qorti qegħda ssib lil **Ans Ghodban**, reċidiv f'delitti, ħati tal-imputazzjonijiet kontestati lilu u tikkundannah għall-piena kompessiva ta' **erbatax il-xahar** priġunerija.

Il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali din is-sentenza u l-atti tal-istruttorja jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol skont il-Liġi.

**Mogħtija illum id-disa' (9) t'Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***